

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni, inkwantu l-ftehim dwar il-livelli ta' servizz huwa kriterju ta' selezzjoni validu.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, inkwantu l-Kummissjoni (i) limitat lilha nnifisha fl-interpretazzjoni tagħha tal-kunċetti inklużi fid-dokumenti tal-offerta matul il-proċedura ta' għoti ta' kuntratt bir-referenza BUDG19/PO/04 u sussegwentement bidlet il-pożizzjoni tagħha u (ii) wasslet lil Xpand Consortium ikollha aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-legalità tal-ftehim dwar il-livelli ta' servizz bħala kriterju ta' selezzjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, inkwantu l-Kummissjoni (i) ma kkomunikatx l-annullament tal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt bir-referenza BUDG19/PO/04 mill-iktar fis possibbli, hekk kif meħtieġ mill-Artikolu 171 tar-Regolament Finanzjarju⁽¹⁾ u (ii) ma nnotifikatx lil Xpand Consortium, mill-iktar fis possibbli, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2022 li tannulla l-proċedura ta' għoti ta' kuntratt bir-referenza BUDG19/PO/04 u r-raġunijiet għall-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament, inkwantu (i) billi annullat il-proċedura ta' għoti ta' kuntratt bir-referenza BUDG19/PO/04, il-Kummissjoni adottat il-miżura l-iktar diffiċli u żvantaġġuża filwaqt li kien hemm miżuri oħra proporzjonati u (ii) billi tniedi proċedura ta' għoti ta' kuntratt ġdida bl-istess suġġett il-Kummissjoni tagħti vantaġġ kompetittiv indebitu lill-kompetituri ta' Xpand Consortium fl-offerta.

⁽¹⁾ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2022 – Deutsche Bank vs EUIPO – Operación y Auditoria (avanza Tu negocio)

(Kawża T-341/22)

(2022/C 294/49)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Deutsche Bank, SA Española (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: I. Valdelomar Serrano, J. Rodriguez Fuensalida, P. Ramells Higuera u A. Figuerola Moure, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Operación y Auditoria, SA de CV, SOFOM, ENR (il-Belt tal-Messiku, il-Messiku)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea avanza Tu negocio – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 208 813

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Marzu 2022 fil-Każ R 1808/2021-5

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkonstata l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fid-deċiżjoni kkontestata;
- taqta' l-kawża billi tiċħad il-protezzjoni għas-servizzi kollha mitluba fl-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 18 208 813 avanza Tu negocio (figurattiva) fil-klassi 36; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż ta' rappreżentanza sostnuti mir-rikorreni relatati ma' din il-proċedura.

Motiv invokat

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2022 – Rauch Furnace Technology vs EUIPO – Musto et Bureau (Griġjoli)

(Kawża T-347/22)

(2022/C 294/50)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Rauch Furnace Technology GmbH (Gmunden, l-Awstrija) (rappreżentant: M. Traxler, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Musto et Bureau Srl (Osteria Grande, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż: ir-rikorreni

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: id-disinn tal-Unjoni Nru 7 737 143-0001 (Griġjoli)

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Marzu 2022 fil-Każ R 1697/2021-3

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata flimkien mad-dikjarazzjoni ta' invalidità tad-disinn tal-Unjoni Nru 7 737 143-0001;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur ta' rekwiżiti formali essenzjali;
 - Ksur tal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002.
-